MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru 422/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**BJORN GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Bjorn Grima, ta' 18 –il sena bin Vincent u Sina nee' Spiteri, imwieled Pieta', nhar 02/07/85, residenti fil-fond numru Block 1, Flat 4, Ordnance Street, Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 344185M.

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Mejju 2004, gol-Belt Valletta u matul l-ahhar erba' xhur qabel

dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Chantelle Camilleri skond ma ccertifika t-tabib Dr. C. Apap MD, tad-Dipartiment tal-Kura Primarija, Floriana;
b) Ukoll talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil xi persuna, u cioe' lil Chantelle Camilleri kontra l-volonta' taghha u/jew tagha l-post biex fih din il-persuna giet arrestat, mizmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
c) U aktar talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.
d) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet ta' probation order moghtija b'Sentenza tat-3 ta' Marzu, 2004 mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Alfred Scicluna u Bjorn Grima.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CSH u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza a).

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza a).

Innutat ukoll li fil-Verbal fis-Seduta tallum, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li jekk il-Qorti jidhrilha opportun, umilment issugerixxa li l-Qorti tikkundanna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta’ Probation stante li ghandu problemi ta’ *anger management*.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 86 u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Bjorn Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza a) u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li jekk il-Qorti jidhrilha opportun, umilment issugerixxu li l-Qorti tikkundanna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta’ Probation stante li ghandu problemi ta’ *anger_management*, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Bjorn Grima taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputat Bjorn Grima jkollu l-assistenza necessarja  dwar il-problema ta’ *anger management* li ghandu u inoltre l-Qorti tikkundanna lill-imputat Bjorn Grima ghall-piena ta’ hames mitt Euro (Euro 500) multa.

Rigward l-akkuza a) migjuba kontra l-imputat Bjorn Grima, l-Qorti tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja da parti ta’ Chantelle Camilleri.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Bjorn Grima b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1,000) li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti intergali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Bjorn Grima.

L-Ufficcjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Bjorn Grima l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------